*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ*

*IL-HAMES LEĠISLATURA*

*LAQGĦA NUMRU TNEJN U ERBGHIN*

*12 ta' Frar, 2008*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.05 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Il-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona, l-Kunsillier Joseph D'Amato, l-Kunsillier Claudio Zammit, l-Kunsillier Melvyn Mangion u l-Kunsillier Raymond Grixti.*

*UFFIĊJAL PREŻENTI*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻATI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Mario Ellul.*

*MINUTI*

*Il-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona ppresjeda.*

***42.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*42.1.1 Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din il-mozzjoni:*

*42.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħa Numru 41 u Laqgħa Numru 41 Kontinwazzjoni kif imressqa."*

*42.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u approvata unanimament.*

*42.1.4 Il-Kunsill kien infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien beda investigazzjoni dwar l-offerta li kienet ġiet*

*aġġudikata mill-Kunsill dwar xogħlijiet ta' bankini u xogħlijiet anċillari kif ukoll li kif mitlub is-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat dokumenti relatati lill-istess Dipartiment.*

*42.1.5* *Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li kien għamel tentattivi sabiex jagħmel kuntatt mar-rappreżentanti tal-kumpanija Penza Construction Ltd sabiex jiġu diskussi l-bilanċi ta' ċitazzjonijiet mhux imħallsa, iżda ma kien hemm l-ebda żvilupp pożittiv.*

***42.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

*42.2.1* *Il-Membri nnotaw ir-rapport dwar il-korrispondenza kollha riċevuta u mibgħuta sal-4 ta' Frar, 2008, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti* 'A' u 'B'.

*42.2.2* *Il-Kunsill innota ittra mibgħuta mill-Ministru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol dwar laqgħa pendenti mal-Kunsill.*

*42.2.3* *Il-Kunsill innota ittra mibgħuta mill-Capitano ta' Borgo Maggiore dwar inizjattivi tal-ġemellaġġ bejn iż-żewġ komunitajiet.*

*42.2.4* *Il-Kunsill innota ittra mibgħuta mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina V.M. dwar permessi għaż-żminijiet tal-festa, fejn kien deċiż li dan is-suġġett jiġi trattat fil-leġislatura li jmiss.*

***42.3 Approvazzjoni: Sejħa għall-offerti: Manutenzjoni ta' Bankini, Ħitan u Lqugħ u Kanali għall-ilma tax-xita***

*42.3.1* *Il-Kunsill inotta d-dettalji tar-rapport tal-Contracts Manager il-Perit Anthony Bezzina, li kopja tiegħu hi anessa bħala dokument C ma dawn il-minuti.*

*42.3.2* *Wara li kien ikkunsidrat li l-kuntrattur magħżul ma qabilx mal-kundizzjonijiet magħmula mill-Kunsill, kien hemm qbil li din l-offerta ma tiġix aġġudikata u terġa tinħareġ mill-ġdid.*

*42.3.3* *Kien hemm qbil li fl-offerta l-ġdida jidħlu l-kundizzjonijiet msemmija fir-rapport tal-Contracts Manager.*

***42.4 Estenzjoni ta' Kuntratt: Contracts Management - Services***

*42.41* *Il-Kunsill kien infurmat li l-kuntratt tal-Contracts Manager il-Perit Anthony Bezzina seta jiġi estiż kif jipprovdu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt viġenti.*

*42.42 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni :*

*42.43 "Il-Kunsill jaqbel li jġedded il-kuntratt tal-Contracts Manager għal perjodu ta' tnax-il xahar billi dan ta servizz eċċellenti lil Kunsill matul l-aħħar sena. "*

*42.44 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Claudio Zammit u approvata unanimament.*

## *42.5 Ingaġġ ta' Skrivana Part Time*

*42.5.1 Il-Kunsill kien infurmat li l-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ kienet bagħtet lista oħra ta' persuni u li kienu ġew riċevuti applikazzjonijiet minn uħud minnhom.*

*42.5.2 Kien hemm qbil li l-proċess ikompli bil-proċess billi jiltaqa l-Bord tal-Għażla u jara jekk hemmx min jikkwalifika għal intervista.*

*42.5.3 Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona jkun parti mill-Bord tal-Għażla.*

## *42.6 Proġetti Kaptiali fiż-Żurrieq*

*42.6.1 Il-Kunsill kien infurmat li wara diversi problemi mal-kuntrattur tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kien mistenni li l-wiċċ bit-tarmakk fi Triq iċ-Ċombini u Triq San Nikola jinbeda fi żmien ġimgħa.*

*42.6.2 Fir-rigward tax-xogħlijiet fi Triq il-Qrendi, is-servizzi tal-ilma kienu tlestew u li din se tingħata l-wiċċ bit-tarmakk fi żmien ġimgħa.*

*42.6.3 Fir-rigward tal-play area fi Triq Carmelo Caruana, il-Kunsill kien infurmat li x-xogħlijiet kienu fi stadju avvanzat ħafna.*

*42.6.4 Kien hemm qbil li tiġi mibgħuta ittra lil-Ministeru responsabbli mit-toroq fir-rispett ta' tiswijiet ġenerali għal Vjal il-Blu Grotto bħala parti mix-xogħlijiet li ser isiru fi Triq Valletta.*

## *42.7 Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena*

*42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument 'D'.*

*42.7.2 Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din il-mozzjoni:*

42.7.3 *"Il-Kunsill japprova r-rapport finanzjarju ghat-tieni kwart tas-sena kif imressqa.'*

42.7.4 *Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet unanimament.*

### 42.8 Mistoqsijiet lis-Sindku mill-Kunsilliera

42.8.1 *Billi s-Sindku kien skużat għal din il-laqgħa kien hemm qbil li dawn jitħallew għal seduta oħra.*

### 42.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet, Servizzi u Attivitajiet

42.9.1 *Il-Kunsill, wara li rċieva kwotazzjonijiet, approva li tinxtara mejda u siġġijiet ġodda tal-Kunsill peress li fil-leġislatura li jmiss ser jiżdiedu żewġ Kunsilliera mingħand Joseph Farrugia Woodworks.*

42.9.2 *Il-Kunsill wara li kkunsidra talba mingħand il-Guy Bocci Club, qabel li jwaħħal żewġ bankijiet, jaqta l-ħaxix ħażin u jsaħħaħ il-dawl tal-akwata tal-pitch tal-imsemmi klabb.*

42.9.3 *Il-Kunsill qabel li jeħlu żewġ bankijiet viċin il-Berġa tas-Saħħa f'Misraħ Mattia Preti.*

42.9.4 *Il-Kunsill qabel li jagħti aċċess għal darba fil-ġimgħa lil Patri Dionisio Mintoff fiċ-Ċentru Soċjali f'Dar Mattia Preti sabiex jesplora l-possiblita li jinbeda proġett ta' sostenn lill-anzjani Żrieraq.*

42.9.5 *Il-Kunsill approva li jsiru bollards fi Triq il-Mitħna u Triq San Bartilmew.*

42.9.6 *Il-Kunsill approva diversi xogħlijiet ta' tiswijiet ta' toroq u bankini kif inhuma elenkati fid-dokumenti aness ma' dawn il-minuti nnumerati minn 'E' sa 'I'.*

42.9.7 *Il-Kunsillier Melvyn Mangion ħalla l-laqgħa f'dan l-istadju.*

42.9.8 *Il-Kunsill approva li japparteċipa fi proġett b'finanzjament mill-Unjoni Ewropeja, li ser issir applikazzjoni għalih bejn sitt Kunsilli Lokali Maltin.*

42.9.9 *Il-Kunsill approva li sinjali sofor li saru fi Triq Sant'Andrija jitneħħew flimkien ma' oħrajn li saru quddiem l-istabbilment "La Piccola".*

42.9.10 *Il-Kunsill approva li jsiru barriers fis-side road ta' Vjal il-Blu Grotto quddiem il-ħanut "Kylies Cafeteria".*

42.9.11 *Il-Kunsill approva li jsiru tiswijiet fl-antenni tal-Mitħna tax-Xarolla mingħand is-Sur Charles Scalpello għall-ammont ta'* € 194.00.

42.9.12 *Il-Kunsill approva li jagħti donazzjoni ta' żewġ kotba għal Jum il-Premjazzjoni ta' Margaret Martimer Girls Junior Lyceum.*

### *42.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti*

42.10.1 *Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti (anessi bħala dokumenti 'J' sa 'L'), ħlas ta' overtime lill-impjegati (aness bhala dokument 'M', talba ta' ħlas mill-Kumitat Konġunt (anessa bħala dokument 'N' u tabliet ta' ħlas lura għall-ispejjeż magħmula f'isem il-Kunsill mingħand il-Kunsilliera Raymond Grixti, Claudio Zammit u Joseph D'Amato (anessi bħala dokumenti minn 'O' sa 'Q'), talba ta' ħlas mingħand l-impjegat tal-IPSL Martin Falzon (anessa bħala dokument "R") u talbiet ta' ħlas mingħand Road Servicing Limited u Raymond Calleja and Sons (anessi bħala dokumenti "S" u "T").*

42.10.2 *Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din il-mozzjoni:*

42.10.3 *"B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' € 47,173.83, ħlas ta' overtime għall-ammont ta' € 863.84, ħlas lill-Kumitat Kongunt ta € 11,950.20, talbiet ta' ħlas lura għall-spejjeż magħmula f'isem il-Kunsill mingħand il-Kunsillier Raymond Grixti ta' € 20, l-Kunsillier Claudio Zammit ta' € 378.48 u l-Kunsillier Joseph D'Amato ta' € 20, talba ta' ħlas mingħand il-ħaddiem tal-IPSL Martin Falzon ta' € 58.25 kif ukoll talba ta' ħlas mingħand Road Servicing Limited ta' € 4658.75 u mingħand Raymond Calleja and Sons ta' € 3878.99."*

42.10.4 *Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Claudio Zammit u approvata unanimament.*

42.10.5 *Il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat b'dan l-item fuq l-agenda fit-8.00 ta filgħaxija.*

*Konfermati, illum __ ta' Marzu, 2008*

*Silvio Izzi Savona*
*Vici Sindku*

*Adrian Mifsud*
*Segretarju Eżekuttiv*